MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 37/2015

**fl-atti tal-Ittra Ufficjali nru 130/15 mahruga a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Simon Balzan**

**(ID 348164M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-27 ta' Jannar 2015 fejn ir-rikorrent Simon Balzan ghamel referenza ghall-Ittra Ufficjali ippresentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fl-20 ta' Jannar 2015 fejn talab lir-rikorrent ihalla sis-somma ta' €892.38 rappresentanti bilanc ta' kera dovuta mill-post ossija restaurant bl-isem ta' Maltese Cross Restaurant, gewwa Triq Sant Antnin, San Pawl il-Bahar, relatati ma pagamenti ghal 'Tables & Chairs' ghal period bejn l-1 ta' Jannar 2010 u il 31 ta' Marzu tas-sena 2011.

Ir-rikorrent sahaq illi t-talba kienet inforndata fil-fatt u fid-dritt peress illi r-rikorrenti kien gharraf lill-intimat li, b'effett minn Novembru 2009, huwa kien qieghed iwaqqaf il-kirja, u dana minkejja illikellu l-kera imhallsa bil-quddiem sa l-ahhar ta' Dicembru 2009. Madanakollu, l-intimat naqas milli jaghmel il-verifiki u, sussegwentement, ghadda biex jitlob hlas ghall-periodu li ghalih ir-rikorrent kien gia termina l-kirja.

Rat illi fit 28 ta' Jannar 2015, il-Qorti appuntat il-kaz ghas-smiegh ghat 2 ta' Marzu 2015 bid-dritt lill-intimat sabiex jippresenta risposta fi zmien ghoxrin gurnata.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet ipprenetata fid 19 ta' Frar 2015 fejn gharraf lill-Qorti illi huwa kien qieghed jirtira l-Ittra Ufficjali 130/2015 meritu tar-rikorent odjern u kien qieghed jirrinunzja mill-pretensjonijiet kollha fiha ikkontemplati. Talab ukoll lill-Qorti illi l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat il-verbal datat 2 ta' Marzu 2015 fejn ir-rikorrenti gharraf lill-Qorti illi, filwaqt li l-meritu tal-kawza odjerna gie ezawrit, u ghalhekk kien qieghed jirtiraha f'dana is-sens, huwa kien qed izomm ferm il-kap ta' l-ispejjez stante illi ma kienx hemm ftehim fuq l-ispejjez, u isnista li tmur ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi, kif verbalizzat mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet stess, l-Ittra Ufficjali illi dwarha kien qieghed jilmenta r-rikorrent giet irtirata wara illi nbdew il-proeduri odjerni u ghalhekk, jidher car illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma kienetx wahda intempestiva izda kienet

wahda necessarji da parte tar-rikorrnt biex jipprotegi d-drittijiet tieghu illi kienu ser jigu lezi rizultat ta' inadempjenza ta' l-intimat jew impjegati tieghu.

Fic-cirkostanzi, ma huwiex gust illli tintlaqa t-talba ta' l-itnimat li talikawza tibqa bla taxxa, peress illi jidher car li kienet n-nuqqas ta' l-intimat jew impjegati tieghu li wassal ghall-proceduri odjerni u, ghalhekk, l-intimat ghandu jbaghti l-ispejjez kkawzai mill-inadempjenza tieghu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Rat l-atti kollha ppresnetati quddiemha

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet illi biha ddikjara illi l-Ittra Ufficjali 130/15 kienet qed tigi rtirata u kull pretensjoni fil-konfront tar-rikorrent qieghed jigi irtirat.

Semghet lill-partijiet fit 2 ta' Marzu 2015

Fic-cirkostanzi

Filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu tar-rikors ,stante illi dina issa giet ezawrita,

**Tichad** l-eccezzjoni dwar l-ispejjez imressqa mill-intimat u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet ihallas l-ispejjez kollha inkorsi mir-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------